MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 68/2012/1

**Rikors fl-atti tal-mandat ta' qbid esekuttiv numru 68/2012 fl-ismijiet:**

**Grace armla Ragan**
**v.**
**Emanuel Mizzi**

1. Dan huwa appell ta' Emanuel Mizzi ["id-Debitur"] minn provvediment mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fl-24 ta' Awissu 2012 li bih ġiet miċħuda talba tad-Debitur

magħmula taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex jitħassar mandat ta' qbid esekuttiv maħruġ kontra tiegħu fuq talba ta' Grace Ragan ["il-Kreditriċi"].

2. Il-fatti relevanti huma dawn: b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-3 ta' Frar 2012 fil-kawża fl-ismijiet Grace Ragan *v.* Emanuel Mizzi id-Debitur ġie kundannat sabiex *inter alia* jħallas l-ispejjeż tal-kawża li telgħu għal elf, ħames mija u ħamsa u ħamsin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,555.48). Billi s-somma ta' erba' mija u erbatax-il euro (€414) kienet ġà ġiet depożitata fir-reġistru tal-qorti b'ċedola numru 117/2011 biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appell, id-Debitur offra lill-avukat tal-Kreditriċi l-bilanċ ta' elf, mija u wieħed u erbgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,141,48) iżda din l-offerta ta' ħlas ġiet rifjutata. Id-Debitur għalhekk fit-2 ta' Mejju 2012 iddepożita dan il-bilanċ b'ċedola numru 86/2012 wara li naqqas l-ispejjeż taċ-ċedola.

3. Il-Kreditriċi mbagħad fl-4 ta' Mejju 2012 talbet il-ħruġ ta' mandat ta' qbid esekuttiv kontra d-Debitur għas-somma ta' elf, ħames mija u ħamsa u ħamsin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,555.48) bħala spejjeż tal-kawża, u din it-talba ntlaqgħet b'dikriet tat-13 ta' Ġunju 2012.

4. B'rikors tal-20 ta' Ġunju 2012 id-Debitur talab illi l-mandat jitħassar taħt l-art 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal dawn ir-raġunijiet:

i. għax qabel ma ntalab il-ħruġ tal-mandat ma saritx talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju kif irid l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

ii. għax is-somma ta' elf, ħames mija u ħamsa u ħamsin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,555.48) taqa' fil-kompetenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni inferjuri u għalhekk il-mandat inħareġ minn qorti inkompetenti; u

iii. għax l-ispejjeż li għalihom inħareġ il-mandat kienu ġà depożitati favur il-Kreditriċi u d-difensur tagħha.

5. Bil-provvediment li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għat-tħassir tal-mandat wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Illi permezz tar-rikors preżenti qed tintalab ir-revoka ta' dan il-mandat a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap.12.
"Dan l-artikolu jintitola lil kull min ikun inħareġ mandat eżekuttiv kontra tiegħu sabiex jikkontesta tali mandat għal kwalunkwe raġuni valida fil-liġi. Ir-rikorrent preżenti jikkontendi li dan il-mandat inħareġ inutilment, għax huwa kien iddepożita l-ammont bilanċjali dovut lill-esekutanta jumejn qabel ma ntalab il-ħruġ ta' dan il-mandat, filwaqt illi dak dovut lil-legali tagħha kien ilu depożitat fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell sa mis-17 ta' Ottubru 2011.
"Huwa minnu illi dawn iż-żewġ depożiti flimkien kienu jkopru l-ammont kollu mitlub mill-esekutanta fil-mandat in kwistjoni, imma kif sewwa tikkontendi l-istess esekutanta, bis-sentenza li ngħatat a favur tagħha mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2102 fil-kawza <u>Grace armla Ragan *vs* Emanuel Mizzi</u> (rikors numu 114/08 AE), hija kellha d-dritt tiġbor l-ispejjeż kollha inkorsi minnha f'dik il-kawża mingħand ir-rikorrent preżenti, tellief f'dik il-kawża. Id-depożitu li kien sar fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell ma kienx sar a favur tagħha, imma kif jirriżulta mill-formula relativa esebita mir-rikorrent stess, dan kien sar a favur tar-reġistru u d-difensur (tagħha), li madankollu għandu kull dritt jesiġi li jitħallas dak dovut lilu skont it-tariffa direttament mingħand il-klijenta tiegħu.
"Għalhekk, ġaladarba ċ-ċedola ta' depożitu li saret a favur ta' Grace Ragan fit-2 ta' Mejju 2012 ma kinitx tkopri l-ammont kollu dovut lilha għall-ispejjeż tal-kawża, skont it-taxxi uffiċjali maħruġa mill-Qorti ta' Prim'Istanza u dik tal-Appell, kellha kull raġun l-istess esekutanta titlob il-ħruġ ta' dan il-mandat jumejn wara, kif fil-fatt sar.
"Għaldaqstant … it-talba preżenti tar-rikorrent Emanuel Mizzi ma rrizultatx gustifikata."
6. Id-Debitur appella minn dan il-provvediment b'rikors tas-27 ta' Awissu 2012. L-aggravji tiegħu huma tlieta:

i. il-mandat inħareġ intempestivament għax ma kellux isir ħlief "wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju", kif igħid u jrid l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; din is-sejħa b'att ġudizzjarju ma saritx;

ii. il-mandat inħareġ minn qorti inkompetenti *ratione valoris*;
iii. il-mandat ma kienx meħtieġ għax l-ispejjeż kollha kienu depożitati u l-Kreditriċi setgħet liberament tiżbankahom.

7. Il-Kreditriċi wieġbet fl-20 ta' Settembru 2012 u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jiġi miċħud.

**L-Ewwel Aggravju – Intempestività**

8. L-ewwel aggravju tad-Debitur igħid illi l-mandat seta' jinħareġ biss wara jumejn min-notifika ta' sejħa għal ħlas magħmula b'att ġudizzjarju. Fil-każ tallum sejħa b'att ġudizzjarju ma saritx.

9. L-art. 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jsemmi dawn it-titoli esekuttivi fost oħrajn:

"(*a*) is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta;
"… … …
"(*ċ*) taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur ta' avukat, … meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi;"

10. L-art. 256(1) igħid illi s-sentenzi jistgħu jiġu esegwiti fi żmien jumejn minn dakinhar li jingħataw waqt illi l-art. 256(2) igħid illi t-titoli l-oħra, fosthom it-taxxi ta' drittijiet, jistgħu jiġu esegwiti wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.

11. Il-kwistjoni issa hija jekk il-mandat inħariġx bis-saħħa tas-sentenza li ikkundannat lid-debitur jew bis-saħħa tat-taxxa ta' drittijiet.

12. It-taxxa tagħti titolu lill-avukat kontra l-klijent tiegħu waqt illi s-sentenza tagħti titolu lill-parti rebbieħa fil-kawża kontra l-parti telliefa. Il-mandat inħareġ biex jinġabru l-ispejjeż tal-kawża bejn il-Kreditriċi u d-Debitur, u nħareġ fuq talba tal-Kreditriċi mhux fuq talba tal-avukat tagħha. Ma setgħetx issir fuq talba tal-avukat kontra d-Debitur (jekk mhux bħala *debitor debitoris mei* taħt l-art. 263 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) għax ma hemmx relazzjoni bejn id-Debitur u l-avukat tal-Kreditriċi. Li qiegħed jiġi esegwit huwa t-titolu tal-Kreditriċi għax l-avukat ma għandux titolu kontra d-Debitur.

13. Għalhekk, ladarba hija s-sentenza (li ikkundannat lid-Debitur iħallas l-ispejjeż lill-Kreditriċi) u mhux it-taxxa

tal-ispejjeż li qiegħda tiġi esegwita, ma kienet meħtieġa ebda sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

14. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

**It-Tieni Aggravju – Kompetenza *ratione valoris***

15. It-tieni aggravju jgħid illi l-*quantum* tal-ispejjeż iqiegħed il-materja fil-kompetenza inferjuri mhux dik superjuri.

16. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat u anzi huwa fieragħ. L-art. 264(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "l-esekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-qorti li minnha jiġu mogħtija" waqt illi "fil-każ ta' appelli, is-sentenza għandha tiġi esegwita mill-qorti tal-ewwel grad". Il-mandat għalhekk inħareġ sew mill-qorti li kienet tat is-sentenza fl-ewwel grad.

**It-Tielet Aggravju – Ħtieġa għall-Ħruġ tal-Mandat**

17. L-aħħar aggravju jgħid illi ma kien hemm ebda ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat ladarba l-ispejjeż kollha ġew depożitati. Id-Debitur ikompli jgħid hekk:

"L-ewwel qorti ma kinitx korretta … li argumentat li d-depożitu biċ-ċedola 117/11 kien sar favur id-difensur tal-appellata. Id-depożitu kien sar biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appell kif jaghmel dan ċar l-artikolu 249 tal-Kap.12, u mhux biss kien dritt tal-appellata li personal-ment jew permezz tal-avukat taghha titlob l-iżbank ta' dawn l-ispejjeż mill-atti taċ-ċedola 17/11 wara li ġie deċiż l-appell, iżda wkoll kien id-dover tagħha li tagħmel dan u mhux teżiġi li l-esponenti jerġa' jħallasha l-istess ammont ta' spejjeż li kien iddepożita taht l-awtorità tal-qorti qabel is-smigħ tal-appell kif titlob il-liġi."

18. Il-Kreditriċi wieġbet hekk:

"… lanqas ma huwa veru illi l-ispejjeż tal-kawża dovuti lill-esponenti … ammontanti għal €1,558.49 ġew depożitati mill-appellanti fil-qorti. Is-somma li iddepożita l-appellant kienet ta' €1,085.50. Dawna ġew depożitati f'isem l-esponenti u dak tal-avukat tagħha li ma għandu x'jaqsam

xejn mal-appellanti u li la qatt talbu u lanqas seta’ jitolbu bħala l-avukat tal-kontroparti ebda ħlas.”

19. Qiegħda tgħid ħażin il-Kreditriċi illi d-Debitur iddepożita biss elf u ħamsa u tmenin euro u ħamsin ċenteżmu (€1,085.50). Qabel ma iddepożita dik is-somma biċ-ċedola numru 86/2012 fit-2 ta’ Mejju 2012 kien ġà fis-17 ta’ Ottubru 2011 iddepożita s-somma ta’ erba’ mija u erbatax-il euro (€414) fir-reġistru tal-qorti b’ċedola numru 117/2011 biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appell kif irid l-art. 249 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

20. L-ewwel qorti qalet illi d-depożitu għall-għanijiet tal-art. 249 “ma kienx sar a favur [tal-Kreditriċi], imma kif jirriżulta mill-formula relativa …, dan kien sar a favur tar-reġistru u d-difensur [tal-Kreditriċi]”, u għalhekk ma jistax jitqies li qiegħed jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż li għandha jedd għalihom l-attriċi. Din il-qorti iżda ma taqbilx illi dak id-depożitu sar mhux favur il-Kreditriċi iżda favur l-avukat tagħha.

21. Tassew illi ċ-ċedola li biha sar id-depożitu tgħid illi s-somma ta’ erba’ mija u erbatax-il euro (€414) ġiet depożitata “biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-appell … favur tad-difensur”. Iżda kif ġà ingħad fuq[1] u kif sewwa qalet il-Kreditriċi stess, “l-avukat [tal-Kreditriċi] … ma għandu x’jaqsam xejn mal-appellanti [id-Debitur] u … la qatt talbu u lanqas seta’ jitolbu bħala l-avukat tal-kontroparti ebda ħlas”. Għalhekk id-depożitu, li sar għall-għanjiet tal-liġi, seta’ sar biss favur min, taħt il-liġi, seta’ jitlob il-ħlas tal-ispejjeż, *i.e.* il-Kreditriċi, mhux l-avukat tagħha.

22. Mela meta d-Debitur offra li jħallas elf, mija u wieħed u erbgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,141,48) kien qiegħed jagħmel offerta tajba tal-bilanċ li kien fadallu jagħti u l-Kreditriċi għamlet ħażin illi irrifjutat dik l-offerta. Tassew illi l-offerta saret lill-avukat tal-Kreditriċi, iżda, kif tixhed l-ittra tat-23 ta’ April 2012 li biha l-avukat irrifjuta l-offerta, l-avukat, kemm meta saritlu l-offerta u kemm meta irrifjutaha, kien qiegħed jidher bħala mandatarju tal-Kreditriċi u għalhekk l-offerta titqies li saret u ġiet rifjutata minnha.

[1] Para. 12, *supra*.

23. Il-qorti tifhem illi meta irrifjutat l-offerta ta' ħlas f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Kreditriċi kienet x'aktarx qiegħda tagħmel dan biex tivvessa lid-Debitur milli biex tħares xi interess leġittimu tagħha. Fil-fatt, ladarba setgħet faċilmant, billi taċċetta l-offerta u tiżbanka d-depożitu magħmul apposta għalhekk, tiġbor dak kollu li kellha tieħu, id-deċiżjoni tal-Kreditriċi li titlob il-ħruġ tal-mandat ma tistax ma titqiesx vessatorja.

24. Huwa minnu illi l-bilanċ wara l-ewwel depożitu kien ta' elf, mija u wieħed u erbgħin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€1,141,48) – daqskemm kienet l-offerta rifjutata – waqt illi bit-tieni ċedola ġew depożitati biss elf u ħamsa u tmenin euro u ħamsin ċenteżmu (€1,085.50). Id-differenza iżda kienet l-ispejjeż taċ-ċedola illi d-Debitir kien ġustifikat li jnaqqashom ladarba l-offerta tiegħu kienet inġustament rifjutata.

25. Huwa minnu wkoll illi d-depożitu bit-tieni ċedola sar favur il-Kreditriċi u l-avukat tagħha flimkien meta, kif rajna, il-ħlas kien imiss lill-Kreditriċi weħedha u mhux lill-avukat. Kif saret iċ-ċedola l-Kreditriċi weħedha ma tistax tiżbanka. Madankollu, barra l-fatt illi dan huwa ostakolu x'aktarx artifiċjali għax l-avukat ma huwiex sejjer ma jikkoperax mal-klijenta tiegħu biex isir l-iżbank, huwa minnu wkoll illi l-Kreditriċi ġà qiegħdet lilha nfisha fil-ħażin meta irrifjutat l-offerta.

26. Billi għalhekk hija tal-fehma illi ma kien hemm ebda ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat, li nħareġ vessatorjament, il-qorti tilqa' l-appell, tħassar id-dikriet appellat tal-24 ta' Awissu 2012 u tħassar ukoll il-mandat ta' qbid esekuttiv numru 68/2012 fl-ismijiet <u>Grace Ragan *v.* Emanuel Mizzi</u> bl-ispejjeż kontra l-Kreditriċi.

| | |
|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo |
| | Noel Cuschieri |
| Prim Imħallef | Imħallef |
| | Imħallef |

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------